

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-18 ta' Marzu 2019****dwar il-parteeċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tar-Repubblika tal-Albanija fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi**

(2019/C 115/10)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jelenka s-setgħat tal-Kummissjoni u jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u tiegħu l-inizjattivi xierqa għal dak l-għan, teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuttivi u ta' ġestjoni, kif stabbilit fit-Trattati, u tiżgura r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u każijiet oħra previsti fit-Trattati.
- (2) Skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ il-Bord ta' Regolaturi, il-gruppi ta' ħidma u l-Bord Maniġerjali jridu jkunu miftuħa għall-parteeċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi bir-responsabbiltà primarja fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, meta daww il-pajjiżi terzi jkunu daħlu fi ftehimiet mal-Unjoni għal dak l-għan. Jipprevedi wkoll li skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' daww il-ftehimiet, iridu jiġu żviluppata arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, il-limitu u l-mod kif l-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi kkonċernati se jipparteċipaw mingħajr id-dritt li jivvutaw fil-ħidma tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ("BEREC") u tal-Uffiċċju tal-BEREC, inkluż dispożizzjonijiet dwar il-parteeċipazzjoni fl-inizjattivi mwettqa mill-BEREC, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal tal-Uffiċċju tal-BEREC.
- (3) Skont l-Artikolu 104 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, minn naħa, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra ⁽²⁾, il-kooperazzjoni fil-komunikazzjonijiet elettroniċi trid tiffoka primarjament fuq l-oqsma prijoritarji relatati mal-acquis tal-Komunità f'dan il-qasam. Il-Partijiet iridu jsaħħu, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni fil-qasam tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-servizzi assoċjati. Għalhekk l-Unjoni u l-Albanija daħlu fi ftehim skont it-tifsira tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1971.
- (4) Il-kontinwazzjoni tal-parteeċipazzjoni tal-awtorità regolatorja tal-Albanija fil-BEREC u fl-Uffiċċju tal-BEREC hija konsistenti bis-sħiħ mal-istrateġija tal-Balkani tal-Punent ⁽³⁾, li tappella għal azzjonijiet biex tiġi żviluppata s-soċjetà diġitali, inkluż l-iskjerament tal-broadband u t-tnaqqis tal-ispejjeż tar-roaming, u biex il-liġijiet ta' daww il-pajjiżi jiġu allinjati mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Kif indikat fl-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent ⁽⁴⁾, relazzjoni eqreb bejn l-Unjoni u l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali ("NRAs") tal-Balkani tal-Punent għandha tgħin biex il-prattika regolatorja fir-reġjun toqrob lejn il-prattika fl-Unjoni.
- (5) Minħabba l-interess tal-Unjoni fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Albanija u fit-trawwim tal-adozzjoni mill-Albanija tal-iskema regolatorja tal-Unjoni għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-arranġamenti ta' ħidma għall-parteeċipazzjoni tal-awtorità regolatorja tal-Albanija fil-Bord ta' Regolaturi u fil-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Awtorità regolatorja nazzjonali tar-Repubblika tal-Albanija bir-responsabbiltà primarja li tissorvelja l-operat ta' kuljum tas-swieq tan-netwerks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tista' tipparteċipa fil-Bord ta' Regolaturi u fil-Gruppi ta' Ħidma tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ("BEREC") u fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jstabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1).

⁽²⁾ Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra (ĠU L 107, 28.4.2009, p. 166).

⁽³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Prospettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent (COM(2018) 65 final, 6.2.2018).

⁽⁴⁾ SWD(2018) 360 final, Commission Staff Working Document, Measures in support of a Digital Agenda for the Western Balkans.

It-Termini ta' Referenza għall-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali tar-Repubblika tal-Albanija huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Mariya GABRIEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

TERMINI TA' REFERENZA**1. Parteċipazzjoni fil-Bord ta' Regolaturi tal-BEREC**

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali ("NRA") tar-Repubblika tal-Albanija tista' tipparteċipa fil-ħidma tal-Bord ta' Regolaturi (BoR) tal-BEREC.
2. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandha taħtar rappreżentant biex jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-BoR minn fost il-kap tal-NRA, membru tal-korp kolleġġjali tagħha jew is-sostitut ta' kwalunkwe wieħed minnhom.
3. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandha wkoll taħtar supplent, li għandu jissostitwixxi r-rappreżentant fl-assenza tiegħu. Is-supplent għandu jinħatar minn fost il-kap tal-NRA, membru tal-korp kolleġġjali tagħha, is-sostitut ta' kwalunkwe wieħed minnhom, jew mill-persunal tal-NRA.
4. Ir-rappreżentant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija u s-supplent għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Sabiex jiġi żgurat l-akbar benefiċċju mill-parteċipazzjoni tagħhom, l-NRA għandha tagħmel sforz biex tillimita r-rotazzjoni tar-rappreżentanti tagħha u, fejn ikun possibbli, tas-supplenti tagħha wkoll.
5. Il-parteċipant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandu jkollu d-dritt li jesprimi opinjoni fid-diskussjonijiet kollha, kemm jekk isiru matul laqgħa tal-BoR tal-BEREC kif ukoll jekk isiru bi kwalunkwe mezz ieħor. Dik l-opinjoni għandha tiġi rreġistrata kif xieraq fil-minuti, skont ir-regoli u l-prattiki tax-xogħol tal-BoR.
6. L-isem tar-rappreżentant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija u tas-supplent għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-membri tal-BoR ippubblikata skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾.
7. Meta jipparteċipa fil-ħidmiet tal-BoR, ir-rappreżentant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija u s-supplent ma għandhom ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mingħand ebda gvern, istituzzjoni, persuna jew korp.

2. Parteċipazzjoni fil-Gruppi ta' Ħidma

1. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija tista' tinnomina esperti biex jipparteċipaw fil-Gruppi ta' Ħidma tal-BEREC.
2. Dawn l-esperti jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha tal-Gruppi ta' Ħidma, skont ir-regoli u l-prattiki tax-xogħol tal-BEREC. Jistgħu jesprimu opinjoni fl-iskambji kollha, kemm jekk isiru matul laqgħa tal-Gruppi ta' Ħidma kif ukoll jekk isiru bi kwalunkwe mezz ieħor.

3. Parteċipazzjoni fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC

1. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija tista' tipparteċipa fil-ħidma tal-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC (MB).
2. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandha taħtar il-persuna maħtura bħala rappreżentant fil-BoR biex tipparteċipa fil-ħidma tal-MB jew persuna għajr ir-rappreżentant fil-BoR minn fost il-kap tal-NRA, membru tal-korp kolleġġjali tagħha jew is-sostitut ta' kwalunkwe wieħed minnhom.
3. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandha wkoll taħtar bħala supplent il-persuna maħtura bħala supplent tar-rappreżentant fil-BoR jew persuna oħra, minn fost il-kap tal-NRA, membru tal-korp kolleġġjali tagħha jew is-sostitut ta' kwalunkwe wieħed minnhom, jew mill-persunal tal-NRA, li għandha tissostitwixxi r-rappreżentant fl-assenza tagħhom.
4. Il-parteċipant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandu jkollu d-dritt li jesprimi opinjoni fid-diskussjonijiet kollha, kemm jekk isiru matul laqgħa tal-MB tal-BEREC kif ukoll jekk isiru bi kwalunkwe mezz ieħor. Dik l-opinjoni għandha tiġi rreġistrata kif xieraq fil-minuti, skont ir-regoli u l-prattiki ta' ħidma tal-MB.
5. L-isem tar-rappreżentant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija u tas-supplent għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-membri tal-MB ippubblikata skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2018/1971.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jstabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1).

6. Meta jipparteċipa fil-ħidmiet tal-MB, ir-rappreżentant tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija u s-supplent ma għandhom ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mingħand ebda gvern, istituzzjoni, persuna jew korp.

4. Dikjarazzjonijiet ta' Interess

1. Ir-rappreżentanti tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija tal-BoR u tal-MB u s-supplenti tagħhom għandhom jaqsmu dikjarazzjoni bil-miktub li fiha jindikaw l-impenji tagħhom u l-assenza jew il-preżenza ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru meta jiġu assunti r-responsabbiltajiet u għandhom jiġu ppubblikati. Għandhom ikunu preċiżi u kompluti, u għandhom jiġu aġġornati meta jkun hemm riskju ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tal-persuna li tkun qed tagħmel id-dikjarazzjoni.

5. Persunal

1. L-Uffiċċju tal-BEREC jista' juża l-persunal mir-Repubblika tal-Albanija, inkluż l-esperti nazzjonali sekondati u persunal ieħor mhux impjegat mill-Uffiċċju tal-BEREC, skont deċiżjoni li trid tinħareġ mill-MB.

6. Kontribuzzjoni finanzjarja tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija lill-Uffiċċju tal-BEREC

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-baġit tal-Uffiċċju tal-BEREC li għandha titħallas mill-NRA tar-Repubblika tal-Albanija sabiex tkun tista' tipparteċipa fil-BEREC tirrappreżenta l-ispiża sħiħa tal-parteeċipazzjoni tagħha skont il-punti 1, 2 u 3 ta' dan l-Anness. L-ammonti se jiġu ddeterminati skont il-punt 6.2 hawn taħt.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mill-NRA tar-Repubblika tal-Albanija skont il-punt 6.1, għandha tkompli l-ispejjeż li ġejjin:

- L-ispejjeż għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tar-rappreżentanti tal-NRA għal-laqgħat tal-BEREC, skont ir-regoli tal-BEREC dwar ir-rimborż.
- L-ispejjeż amministrattivi relatati mar-rimborżi ta' hawn fuq għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, li jammontaw għal massimu ta' 3 % tal-ammonti mħallsa bħala rimborżi għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar.
- L-ispejjeż amministrattivi relatati mal-parteeċipazzjoni ġenerali tal-NRA fil-ħidma tal-BEREC.

L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jiġi ddeterminat mill-BEREC, filwaqt li jitqiesu *inter alia* l-missjonijiet antiċipati għas-sena li ġejja u l-missjonijiet u r-rimborżi proprji għas-sena/snin preċedenti.

3. Il-kontribuzzjoni tal-NRA se tiġi implimentata skont ir-regoli finanzjarji tal-Uffiċċju tal-BEREC, adottati skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1971.
4. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ imġarrba mir-rappreżentanti u l-esperti tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija biex jieħdu sehem fil-ħidma tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC, inkluż il-laqgħat relatati, għandhom jiġu rimborżati mill-Uffiċċju tal-BEREC skont ir-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ u ta' spejjeż oħra mġarrba matul il-vjaġġi tal-persuni li mhumiex impjegati mill-Uffiċċju tal-BEREC ⁽²⁾.
5. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u fil-bidu ta' kull sena sussegwenti, l-Uffiċċju tal-BEREC għandu jibgħat lill-NRA sejħa għall-fondi li jikkorrispondu għall-kontribuzzjoni tiegħu lill-Aġenzija skont din id-Deċiżjoni.
6. Din il-kontribuzzjoni għandha tkun espressa f'EUR u mħallsa f'kont bankarju EUR tal-Uffiċċju tal-BEREC.
7. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija għandha tħallas il-kontribuzzjoni tagħha skont is-sejħa għall-fondi għall-parti tagħha mhux aktar tard minn 30 jum wara li s-sejħa għall-fondi tintbagħat mill-Uffiċċju tal-BEREC.
8. Kull dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni għandu jirriżulta fil-ħlas tal-imgħax mill-NRA fuq l-ammont pendenti mid-data tal-iskadenza. Ir-rata tal-imgħax tikkorrispondi għar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, fid-data tal-iskadenza, għall-operazzjonijiet tiegħu f'EUR, biż-żieda ta' 1,5 punt perċentwali.

⁽²⁾ BEREC Office MC Decision concerning the reimbursement of travel, subsistence and other expenses incurred in the course of journeys made by persons not employed by the BEREC Office and repealing the previous Management Committee Decision No MC/2013/05 of 6 June 2013 (MC/2015/13)

7. Arranġamenti tal-ħidma dettaljati

1. Il-BoR u l-MB għandhom jispeċifikaw l-arranġamenti tal-ħidma dettaljati għall-parteċipazzjoni tal-NRA tar-Repubblika tal-Albanija, fejn ikun meħtieġ, skont ir-Regolament (UE) 2018/1971 u skont dawn it-Termini ta' Referenza.
 2. L-NRA tar-Repubblika tal-Albanija tista' tipparteċipa fil-ħidma tal-BEREC, inkluż il-BoR u l-Gruppi ta' Ħidma, u fl-MB mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, irrispettivament mill-finalizzazzjoni tal-arranġamenti tal-ħidma dettaljati tal-punt 7.1 hawn fuq.
-